**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs.**

**Ivan Georgiev Gyurov**

Numru 675/2018

Illum 23 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ivan Georgiev Gyurov**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Georgi u Todorka, mwieled Burgas, gewwa l-Bulgarija nhar is-6 ta' Awwissu 1990, detentur tal-Passaport Bulgaru bin-Numru 912111436 u residenti gewwa Marica Appartments, Numru 7, Triq il-Gulju, San Pawl il-Bahar

akkuzat talli:

1. f'dawn l-ahhar jiem gewwa Malta u f'dawn il-Gzejjer assocja ruhu flimkien ma' persuna ohra bil-ghan li jaghmel delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa (Artikoli 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. nhar il-21 ta' Ottubru 2018 gewwa Malta bil-hsieb li jaghmel delitt u cioé delitt ta'serq minn gewwa hwienet wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin (Artikoli 41 (1)(a)(b), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta);

3. fl-20 ta' Awwissu 2018, ghall-habta ta' bejn l-00:30hrs u 11:30hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Mambo Beach Club li jinsab l-Armier limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' is-sidien tal-imsemmi stabbiliment u/jew persuna jew persuni ohra (Artikoli 261(b)(c), 263(a), u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu

jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat (Dok. "FF 1" – *a fol.* 8).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 41(1)(a), 48A(1), 49, 50, 261(a), 261(b), 261(c), 261(f), 262(1)(b), 263(a), 263(b), 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat Ivan Georgiev Gyurov hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija.

Fir-rigward tat-talba *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kontenuta fic-*charge sheet*, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum.

Finalment, il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u

kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**